TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 102/12/GZ

**James u Tiziana Fenech**

**vs**

**Bollicine Limited**

Illum 26 ta' Novembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' April, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf tliet mija u tletin Ewro (€1330.00)) rapprezentanti l-prezz li huma hallsu lis-socjeta' ntimata ghal 'shower massage', liema 'shower massage' qatt ma waslet u/jew giet ikkonsenjata lilhom.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Il-kaz beda meta fl-ahhar tas-sena 2008 u l-bidu tas-sena 2009, kellhom vultagg gholi fid-dawl tar-residenza taghhom, li rrizultat li kienet gejja min-naha ta' 'Enemalta'. Dan il-vultagg fid-dawl ikkawza diversi hsarat f'apparat gewwa r-resdidenza tar-rikorrenti, fejn wahda minn dawn l-affarijiet kienet 'shower masssage' li kienu xtraw minghand is-socjeta' ntimata. Ir-rikorrenti kienu ressqu l-kaz taghhom quddiem l-'Enemalta', li min-naha taghha kienet ghamlet l-investigazzjonijiet necessarji u sabet li kienet problema min-naha taghha, u ghalhekk, ir-

rikorrenti kienu gew ikkompensati ghall-hsarat ikkawzati lilhom, wara li kienu pprovdew l-ircevuti u l-kwotazzjonijiet necessarji.

Fl-4 ta' Frar 2011, ir-rikorrenti kienu marru lura ghand is-socjeta' ntimata biex jordnaw 'shower massage' gdida, fejn is-socjeta' ntimata riedet illi tithallas l-ammont totali bil-quddiem, u mhux li l-ewwel jithallas ammont izghar bhala depozitu. Ir-rikorrenti ma kellhomx ghazla hlief illi jhallsu l-ammont shih bil-quddiem lis-socjeta' ntimata, u dana stante illi 'Enemalta' kienet harget l-ammont lilhom bhala kumpens hekk skond il-kwotazzjoni tas-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrenti kienu nsistew mas-socjeta' ntimata illi kellhom bzonn is-'shower massage' kemm jista' jkun malajr, pero' s-socjeta' ntimata kienet informathom illi kellhom jistennew sa Dicembru 2011. Meta wasal Dicembru, ir-rikorrenti baqghu ma semghu xejn minghand is-socjeta' ntimata, ghalhekk huma stennew sa Jannar 2012, pero' baqghu ma gew informati b'xejn. Ezattament sena wara li r-rikorrenti kienu ghamlu l-ordni, u cioe' fl-4 ta' Frar 2012, ghamlu kuntatt mas-socjeta' ntimata sabiex jaraw jekk is-'shower massage' kienet waslet, pero' is-socjeta' ntimata rrispondiet fin-negattiv u qalet illi ma kenitx taf meta kienet ser tasal. Ghal din ir-raguni r-rikorrenti ddecidew li jikkancellaw l-ordni taghhom, pero' s-socjeta' ntimata informathom illi hija kienet lesta illi tirrifuzahom l-ammont li kienu hallsu biss meta huma jipprezentaw l-ircevuta ta' l-istess. Ir-rikorrenti spjegaw lis-socjeta' ntimata illi din kienet difficli stante illi l-ircveuta kienet qieghda fil-pussess ta' 'Enemalta', pero' s-socjeta' ntimata kienet baqghet tinsisti fuq tali rcevuta, anke wara li giet ikkuntatjatha mid-Dipartiment tal-Konsumatur.

Ir-rikorrenti kienu ghamlu dak kollu li setghu sabiex jottjenu l-ircevuta in kwistjoni min-naha ta' l-'Enemalta', pero' kull ma setghat ittihom kienet kopja ufficjali tal-kopja li kellhom ir-rikorrenti ta' l-ircevuta in kwistjoni, liema kopja giet iffirmata u ttimbrata b'mod ufficjali minghand 'Enemalta' u gie inskritt fuq l-istess kopja wkoll: *"Extract from file number TD 150/76/09"*, pero' s-socjeta' ntimata kienet baqghet ma accettatx tali kopja ufficjali.

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' l-ircevuta ffirmata u ttimbrata ufficjalment minn 'Enemalta'.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizz taghha lejn ir- rikorrenti konsumaturi, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' elf tliet mija u tletin Ewro (€1330.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**